# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 124/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sylvana Zrino Azzopardi)**

**vs**

**Raymond Mifsud**

Seduta 28 ta' Settembru, 2020

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Raymond Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 201965M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-istess data, hin u lok u b'diversi atti, ukoll jekk maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat:

Fil-kwalita' tieghu ta' direttur u/jew segretarju ta' kumpanija u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta' kummercjali

Executive Booking Office Limited (C39705), b'indirizz registrat 50, The Strand, Sliema, Malta u/jew bhala l-persuna li kien inkarigat mill-istess socjeta' kummercjali sabiex ihallas il-pagi dovuti, naqas li jhallas il-pagi ghall-perjodu ta' bejn il-21 ta' Dicembru 2016 u l-4 ta' Frar 2017 ammontanti ghal €1,015.20, naqas li jhallas il-bonus statutorju ghall-perjodu ta' bejn il-21 ta' Dicembru 2016 u l-4 ta' Frar 2017 ammontanti ghal €29.71, naqas li jhallas il-weekly allowance ghall-perjodu ta' bejn il-21 ta' Dicembru 2016 u l-4 ta' Frar 2017 ammontanti ghal €27.86, naqas milli jhallas il-vacation leave ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2017 u l-4 ta' Frar 2017 ammontanti ghal €70.43, versu liema ammont sar pagament ta' mija u tnax-il ewro (€112) fejn l-ammont dovut rimanenti huwa dak ta' elf, wiehed u tletin ewro u ghoxrin centezmu (€1,031.20) inkluzi t-taxxa u l-bolla u li kienu dovuti lil ex-impjegata tieghu, u cioe' lil Petya Angelova (ID 130987A)

Il-Qorti kienet mitluba tordna lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ihallas l-penali skont il-Ligi ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u mhux izjed minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) kif ukoll ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 u cioe' illi naqas li jhallas pagi, ghamel tnaqqis illegali naqas li jhallas xi bonus, zamm xi rimunerazzjoni jew xi pagament li ghandu jithallas minflok in-notice, naqas li jaghti vaganzi bi hlas, naqas li jaghmel xi pagament dovut lil impjegat skont l-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jew skont xi ordni ta' standard nazzjonali, ordni biex jirregola settur jew xi ordni iehor maghmula taht il-

Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u ai termini tar-Regolament 22 tal-Avviz Legali 247 ta' l-2003 kif emendat bl-avviz Legali 427 ta' l-2007 u 259 ta' l-2012 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ihallas l-penali ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87), tordna lill-imputat sabiex ihallas lil Petya Angelova (ID 130987A) l-ammont ta' elf, wiehed u tletin ewro u ghoxrin centezmu (€1,031.20) ghar-ragunijiet hawn fuq specifikat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Marzu, 2018 li biha lliberat lill-imputat minn kwalunkwe htija u piena fuq nuqqas ta' provi;

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Marzu, 2018, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata, issib lill-appellat hati tal-akkuzi kollha dedotti kontrih u tghaddi sabiex tinfliggi l-piena skond il-ligi u dana fl-ahjar interess u ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi din hija sentenza fil-mertu wara s-sentenza tad-29 ta' Novembru 2018 dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-

appellat dwar in-nullita' tal-appell interpost mill-Avukat Generali;

2. Il-fatti ta' dan il-kaz huma li quddiem l-ewwel Qorti ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma dehritx meta hekk imsejha u dan peress illi ma kienitx notifikata biex tidher ghal dik is-seduta. L-Qorti ghaddiet biex tipprolata s-sentenza taghha u lliberat lill-appellat fuq nuqqas ta' provi. Gara, izda, illi wara l-prolazzjoni tas-sentenza ix-xhud tfaccat fl-awla ciononostante pero' naturalment kien tard wisq la darba l-kawza deciza bil-pronunzjata sentenza.

3. L-aggravju tal-appellat hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi meta ghaddiet biex taghti s-sentenza ghaliex la darba l-kawza kienet wahda prosegwibbli *ex officio* ma kellhiex timxi bl-artikolu 374(c) u (d) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta kif donnu ghamlet ghaliex dan l-artikolu japplika biss fejn it-tmexxija tal-azzjoni tmiss lill-offiza;

4. F'cirkostanzi fejn il-kawza tkun istitwita *ex officio* mill-Pulizija Ezekuttiva u xhud jew xhieda ma jidhrux minkejja li debitament notifikati, l-Qorti ghandha tiddiferixxi l-udjenza u taghmel dawk is-sanzjonijiet kontra dak ix-xhud inkluz li jingieb b'mandat t'arrest. Is-sensiela ta' sentenzi in rigward huma cari u bizzejjed li ssir referenza ghal dik fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saviour Farrugia App Krim 25.7.194 u s-sentenzi hemm imsemmija. Dawn huma riflessjoni ta' dak ravvizat fl-artikolu 441(4) tal-Kapitolu 9 applikabbli ghall-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525. Fil-kaz odjern, <u>izda</u>, ix-xhud ma kienitx notifikata u skond ir-riferta dan gara ghaliex, jekk il-Qorti qed taqra korrettament il-kaligrafija tal-ufficcjal, il-persuna ma ghadhiex tirrisjedi f'dak l-indirizz;

5. Jidher illi l-uniku tentattiv sabiex titqassam din it-tahrika kien fis-7 ta' Dicembru, 2017 ghas-seduta tas-6 ta' Marzu, 2018 u ma jidhirx li kien hemm xi tentattiv iehor da parti tal-Pulizija Ezekuttiva sabiex tharrek lix-xhud indispensabbli taghha matul dak il-perjodu ta' erba xhur jew li taghmel il-verifiki taghha dwar fejn qed tirrisjedi ix-xhud. Kien allura fid-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk takkordax differiment jew le sabiex tkun notifikata l-parte civile la darba ma japplikax l-artikolu 441(4) tal-Kodici Kriminali. L-ezercizzju ta' din id-diskrezzjoni ghandu jiehu in konsiderazzjoni l-importanza tax-xhud, jekk kienx hemm tentattivi ohra da parti tal-Pulizija biex tharrek ix-xhud mill-gdid u r-raguni ghal-ezitu negattiv tat-tahrika fost hwejjeg ohra. Kif osservat *supra* izda, l-prosekuzzjoni ma ghamlet xejn minn dan, wisq anqas ressqet xhieda ohra in sostenn tal-fatti imputati. Dak li allura jehtieg li jkun ezaminat f'din il-kwistjoni hu jekk Qorti, rinfaccjata b'talba ghall-differiment mill-prosekuzzjoni ghandiex tilqa' t-talba jew le meta dik jew dak ix-xhud ma tkunx notifikata u ma tidhirx minkejja diversi tentattivi;

6. Gia fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Grace Gatt moghtija minn din il-Qorti fil-21 ta' Mejju, 1996 kien hemm pronunzjament konsimili f'cirkostanzi li jixxiebhu mal-kaz odjern u din il-Qorti llum ma tarax li ghandha tiddeciedi mod iehor. Ezaminat ukoll is-sentenza Il-Pulizija vs Gordon Borda ta' din il-Qorti moghtija fil-31 ta' Lulju, 2018 li ghaliha ghamel referenza l-Avukat Generali pero din ma hi ta' ebda beneficcju ghal-kwistjoni hawn skrutinata stante illi f'dak il-kaz, bhal fil-kawzi hemm citati, l-kwistjoni kienet tirrigwarda prosegwiment tal-kawza b'sentenza wara nuqqas ta' dehera ta' xhud <u>debitament notifikat</u>;

7. Ghall-kompletezza tal-kwadru, anke jekk mhux bhala konsiderazzjoni, tajjeb li jkun aggunt illi meta msejha biex

tidher quddiem din il-Qorti, il-parte civile ma kienitx notifikata ghaliex skont ir-riferta m'ghadhiex tghix f'dawn il-Gzejjer;

8. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud.